SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Il-Ħames Awla)

22 ta' Jannar 2009 *

Fil-Kawża T-316/07,

Commercy AG, stabbilita f'Weimar (il-Ġermanja), inizjalment irrappreżentata minn F. Jaschke, sussegwentement minn S. Grosse u I. Müller, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn S. Schäffner, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, hija

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

easyGroup IP Licensing Ltd, stabbilita f'Londra (ir-Renju Unit), irrappreżentata minn T. Koerl u S. Möbus, avukati,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tad-19 ta' Ġunju 2007 (Każ R 1295/2006-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Commercy AG u easyGroup IP Licensing Ltd,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. Vilaras (Relatur), President tal-Awla, M. Prek u V. Ciucă, Imħallfin,

Reġistratur: C. Kantza, Amministratur,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-20 ta' Awwissu 2007,

wara li rat ir-risposta tal-UASI ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fis-7 ta' Jannar 2008,

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-21 ta' Diċembru 2007,

wara li rat it-talba għal għajnuna legali mressqa mir-rikorrenti fit-18 ta' Settembru 2008,

wara s-seduta tat-18 ta' Settembru 2008,

wara li rat l-osservazzjonijiet bil-miktub dwar it-talba għall-għajnuna legali tar-rikorrenti ppreżentati mill-UASI u mill-intervenjenti fit-2 ta' Ottubru 2008,

wara li rat id-deċiżjoni tal-President tal-Awla, tad-9 ta' Ottubru 2008, li tagħlaq il-proċedura orali,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fil-21 ta' Settembru 2000, l-intervenjenti, easyGroup IP Licensing Ltd, ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja lill-Uffiċċju għall-

Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1), kif emendat.

2 It-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal verbali easyHotel.

3 Il-prodotti u s-servizzi li għalihom saret applikazzjoni għal trade mark jaqgħu taħt il-klassijiet 9, 16, 25, 32, 33, 35, 36, 38, 39, 41 u 42 skont il-Ftehim ta' Nizza dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-registrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Gunju 1957, kif irrivedut u emendat.

4 Fit-30 ta' Ġunju 2004, it-trade mark Komunitarja ġiet irreġistrata taħt in-numru 1 866 706, għall-prodotti u s-servizzi kollha msemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

5 Fil-11 ta' Frar 2005, ir-rikorrenti, Commercy AG, ressqet talba għad-dikjarazzjoni tal-invalidità tat-trade mark inkwistjoni skont l-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 40/94. Ir-raġunijiet invokati kienu dawk imsemmija fl-Artikolu 52(1)(a) ta' dan ir-Regolament, moqri flimkien mal-Artikolu 8(1) tal-istess Regolament.

6 It-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienet ibbażata fuq it-trade mark nazzjonali verbali preċedenti EASYHOTEL, irreġistrata fil-Ġermanja għal prodotti u servizzi

differenti li jaqgħu b'mod partikolari taħt il-klassijiet 9 u 42 u li jikkorrispondu, għal kull waħda mill-klassijiet, għad-deskrizzjoni li ġejja:

— klassi 9: "Softwer informatiku għall-ipprogrammar ta' punti ta' bejgħ online indipendenti minn kull bażi u sistemi ta' paġni fuq l-Internet essenzjalment intiżi għar-riżervazzjoni, għall-ordni u għall-ħlas ta' akkomodazzjoni f'lukanda";

— klassi 42: "Żvilupp u tfassil ta' softwer informatiku, essenzjalment għall-punti ta' bejgħ online u s-sistemi ta' paġni tal-Internet, b'mod partikolari għar-riżervazzjoni, l-ordni u l-ħlas ta' akkomodazzjoni f'lukanda".

7 It-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tressqet kontra l-prodotti u s-servizzi kollha koperti mit-trade mark ikkontestata.

8 Fit-12 ta' Frar 2005, bis-saħħa tal-Artikolu 49 tar-Regolament Nru 40/94, l-intervenjenti ċediet it-trade mark ikkontestata fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi kollha fil-klassijiet 9 u 38, kif ukoll għal parti mis-servizzi fil-klassi 42, li għalihom hija kienet ġiet irreġistrata. Din iċ-ċessjoni ġiet irreġistrata mill-UASI fit-28 ta' Ġunju 2005.

9 Fost is-servizzi li jinsabu fil-klassijiet 39 u 42 koperti mit-trade mark ikkontestata wara din iċ-ċessjoni hemm b'mod partikolari dawk li, għall-klassijiet 39 u 42, jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja:

— klassi 39: "Servizzi ta' informazzjoni li jikkonċernaw is-servizzi kollha ta' trasport, inklużi servizzi ta' informazzjoni pprovduti online minn database fuq kompjuter jew minn fuq l-Internet; servizzi ta' riżervazzjoni u ta' ordni ta' vjaġġi pprovduti fuq netwerk globali tal-Internet (World Wide Web)";

— klassi 42: "Servizzi ta' riżervazzjoni fuq kompjuter għal akkomodazzjoni f'lukanda".

10 Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Lulju 2006, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità billi kkunsidrat li waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 ma kinitx ġiet sodisfatta, jiġifieri l-identiċità jew ix-xebh tal-prodotti u tas-servizzi koperti mit-trade marks ikkontestati.

11 Fid-29 ta' Settembru 2006, ir-rikorrenti ppreżentat rikors, skont l-Artikoli 57 sa 62 tar-Regolament Nru 40/94, kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni peress li din kienet ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark inkwistjoni għas-servizzi fil-klassijiet 39 u 42 minħabba li l-prodotti u s-servizzi fil-klassijiet 9 u 42 koperti mit-trade mark preċedenti u msemmija fil-punt 6 iktar 'il fuq u s-servizzi fil-klassijiet 39 u 42 koperti mit-trade mark inkwistjoni u msemmija fil-punt 9 iktar 'il fuq jixxiebhu.

12 Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Ġunju 2007 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), innotifikata lir-rikorrenti l-jum sussegwenti, it-Tieni Bord tal-Appell ċaħdet l-appell tar-rikorrenti u kkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni.

13 Essenzjalment, il-Bord tal-Appell qies li l-prodotti u s-servizzi kkonċernati la kienu identiċi u lanqas jixxiebhu u li, għaldaqstant, l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 ma kienx applikabbli.

It-talbiet tal-partijiet

14 Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha tannulla t-trade mark ikkontestata.

15 L-UASI u l-intervenjenti jitolbu lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq it-talba għal għajnuna legali

16 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 94(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, l-għajnuna legali tkopri l-ammont totali tal-ispejjeż marbuta mal-għajnuna u r-rappreżentazzjoni legali quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza jew parti minnhom. Il-kaxxier tal-Qorti tal-Prim'Istanza huwa responsabbli għal dawn l-ispejjeż. L-Artikolu 94(2) jżid li kull persuna fiżika li, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tagħha, ma tistax, totalment jew parzjalment, tkopri l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 94 (1), għandha d-dritt li tibbenefika mill-għajnuna legali.

17 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li persuna ġuridika, bħal Commercy, ma tistax tibbenefika mill-għajnuna legali.

18 Madankollu, matul is-seduta, ir-rappreżentant tar-rikorrenti sostna li kienet B. li, peress li ppreżenta r-rikors fil-kariga tagħha bħala amministratur fil-proċedura ta' falliment miftuħa kontra l-patrimonju tal-kumpannija Commercy, li għandha tiġi kkunsidrata bħala l-parti rikorrenti f'din il-kawża. Peress li B. hija persuna fiżika, hija għandha d-dritt li tibbenefika minn għajnuna legali.

19 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Ċertament, mill-inkartament tal-proċedura quddiem il-UASI, trażmess lill-Qorti tal-Prim'Istanza skont l-Artikolu 133(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jirriżulta li t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kontenzjuża tressqet minn B., fil-kwalità tagħha msemmija iktar 'il fuq. Madankollu, l-UASI,

ġustament, analizzat din it-talba bħala waħda li ġiet ippreżentata f'isem il-kumpannija Commercy, proprjetarja tat-trade mark preċedenti.

20 Fil-fatt, talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn B. f'isimha stess kellha tiġi ddikjarata inammissibbli mill-UASI. Mill-Artikolu 55(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, moqri flimkien mal-Artikolu 42(1) u l-Artikolu 52(1) ta' dan ir-regolament, jirriżulta li talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq l-Artikolu 8(1) ta' dan l-istess Regolament tista' tiġi ppreżentata biss mill-proprjetarji tat-trade marks preċedenti invokati insostenn ta' din it-talba jew minn persuni liċenzjati li jkunu awtorizzati minnhom. Għandu jingħad li l-kariga ta' amministratur fil-proċedura ta' falliment ta' kumpannija kummerċjali ma tikkorrispondi għal ebda minn dawn iż-żewġ kategoriji.

21 Kemm l-appell quddiem il-Bord tal-Appell kif ukoll ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza għandhom ukoll jiġu kkunsidrati bħala li ġew ippreżentati minn Commercy. Fil-fatt, peress li t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ġiet analizzata bħala li tressqet minn Commercy, interpretazzjoni ta' dawn ir-rikorsi fis-sens li ġew ippreżentati minn B. għandha neċessarjament twassal għaċ-ċaħda tagħhom minħabba li, bil-kontra ta' dak li huwa previst, rispettivament, fl-Artikolu 58 u l-Artikolu 63(4) tar-Regolament Nru 40/94, dawn kienu ġew ippreżentati minn persuna mhux awtorizzata sabiex taġixxi kontra d-deċiżjonijiet imsemmija minn dawn ir-rikorsi, jiġifieri, rispettivament, id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u dik tal-Bord tal-Appell.

22 Madankollu, ir-rikorrenti ssostni li r-regoli proċedurali Ġermaniżi jipprovdu li l-amministratur fil-proċedura ta' falliment jista' jkun parti fi proċedura f'ismu stess bħala "Partei kraft Amtes" u mhux f'isem il-persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata mill-proċedura ta' falliment inkwistjoni.

23 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Minbarra l-fatt li r-regoli proċedurali Ġermaniżi mhumiex rilevanti f'dan il-każ, ladarba l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza hija rregolata mir-Regoli tal-Proċedura, huwa biżżejjed li jiġi osservat li dan l-argument, li jirreferi biss għall-proċeduri ġudizzjarji, ma jmurx kontra l-konklużjoni li, sabiex tkun ammissibbli, it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità quddiem l-UASI kellha titressaq f'isem il-kumpannija Commercy. Madankollu, għandu jingħad ukoll li, kif ġie osservat iktar 'il fuq, jekk hija din l-aħħar kumpannija li ppreżentat it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, hija din l-istess kumpannija, jekk ikun il-każ irrappreżentata mill-amministratur tal-proċedura ta' falliment, li għandha d-dritt li taġixxi kontra d-deċiżjonijiet tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u tal-Bord tal-Appell.

24 Mill-kunsiderazzonijiet li jippreċedu jirriżulta li, peress li l-parti rikorrenti f'din il-kawża hija l-kumpannija Commercy, jiġifieri persuna ġuridika, il-benefiċċju tal-għajnuna legali ma tistax tingħatalha.

25 F'kull każ, anki li kieku B. kellha tiġi kkunsidrata bħala r-rikorrenti f'din il-kawża, it-talba għal għajnuna legali xorta waħda ma tistax tintlaqa'.

26 Fil-fatt, fit-talba għal għajnuna legali, ir-rikorrenti ssostni li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-fondatezza ta' din it-talba, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpannija Commercy u mhux is-sitwazzjoni ekonomika personali tal-ammistratur tal-proċedura ta' falliment tagħha. Kif sostna l-UASI fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu dwar din it-talba, dan l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq l-Artikolu 116(1) taz-Zivilprozessordnung (Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Ġermaniża) li jipprovdi li l-għajnuna legali tista' tingħata lil "Partei kraft Amtes" meta l-patrimonju kollu amministrat minnha ma jkunx suffiċjenti biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' proċedura ġudizzjarja.

27 Madankollu, huwa biżżejjed li jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li r-Regoli tal-Proċedura ma jinkludu l-ebda dispożizzjoni analoga għall-Artikolu 116(1) taż-Zivilprozessordnung u jipprovdu speċifikament li l-benefiċċju tal-għajnuna legali għandu jingħata biss lil persuni fiżiċi, billi tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika personali tagħhom.

28 Minbarra dan, għandu jiġi osservat li, matul is-seduta, ir-rappreżentant tar-rikorrenti ddikjara, fit-tweġiba tiegħu għal mistoqsija mill-Qorti tal-Prim'Istanza, li fil-każ fejn ir-rikors jinċaħad u r-rikorrenti tiġi kkundannata għall-ispejjeż, dawn jitħallsu mill-patrimonju tal-kumpannija Commercy, u mhux mill-patrimonju personali ta' B. Din id-dikjarazzjoni tniżżlet fil-proċess verbal tas-seduta.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, li kieku t-talba għal għajnuna legali f'dan il-każ tintlaqa', dan, fil-verità, jkun ifisser li dan il-benefiċċju jingħata lil persuna ġuridika, bi ksur tal-Artikolu 94(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

30 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-talba għal għajnuna legali għandha tinċaħad.

Fuq ir-rikors

31 Ir-rikorrenti titlob dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark inkwistjoni. Insostenn ta' din it-talba, hija invokat, fir-rikors tagħha, motiv uniku, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 40/94 moqri flimkien mal-Artikolu 8(1)(a) tal-istess Regolament. Hija ssostni li, fid-dawl tal-identiċità tat-trade marks kunfliġġenti,

teżisti probabbiltà ta' konfużjoni peress li, bil-kontra ta' dak li kkunsidra l-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata, il-prodotti u s-servizzi kkonċernati jippreżentaw xebh anki jekk limitat.

32 Madankollu, matul is-seduta, ir-rappreżentant tar-rikorrenti ppreċiża li kien fuq żball ta' kitba li d-dispożizzjoni msemmija mill-uniku motiv issollevat fir-rikors hija dik tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 40/94 u mhux dik tal-Artikolu 8(1)(b), li hija d-dispożizzjoni rilevanti f'dan il-każ. Il-partijiet l-oħra ddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni, fir-rigward ta' din il-kjarifika. Dawn id-dikjarazzjonjiet tniżżlu fil-proċess verbal tas-seduta.

33 Qabel kollox, l-UASI u l-intervenjenti jeċċepixxu l-inammissibbiltà tal-uniku kap ta' talbiet tar-rikorrenti, minħabba li l-Qorti tal-Prim'Istanza m'għandhiex ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 63(3) tar-Regolament Nru 40/94, biex tiddeċiedi dwar l-invalidità tat-trade mark ikkontestata jew sabiex tindirizza ordni f'dan is-sens lill-UASI.

34 Sussidjarjament, il-UASI u l-intervenjenti jsostnu li l-Bord tal-Appell ġustament ikkonkluda li l-prodotti u s-servizzi kkonċernati la kienu identiċi u lanqas jixxiebhu, u li, għaldaqstant, l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 ma kienx japplika f'dan il-każ.

35 Il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li huwa xieraq li qabel kollox tiddeċiedi fuq il-mertu tal-kawża, jiġifieri fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata fid-dawl tal-argumenti mressqa mir-rikorrenti fil-kuntest tal-motiv uniku tagħha, qabel ma' teżamina, jekk ikun il-każ, l-ammissibbiltà tar-rikors, ikkontestat, b'mod prinċipali, mill-UASI u mill-intervenjenti.

36 L-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 40/94 jipprovdi li t-trade mark Komunitarja għandha tiġi ddikjarata invalida, wara li titressaq talba quddiem l-UASI, meta jkun hemm trade mark preċedenti kif imsemmi fl-Artikolu 8(2) u meta l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(1) jew (5) ikunu sodisfatti.

37 L-Artikolu 8(1)(b) tal-istess Regolament jippreżupponi, għall-applikazzjoni tiegħu, l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta minħabba l-identiċità jew ix-xebh ta' din it-trade mark mat-trade mark inkwistjoni u minħabba l-identiċità jew ix-xebh tal-prodotti jew tas-servizzi indikati miż-żewġ trade marks.

38 Skont l-Artikolu 8(2)(a)(ii) tal-istess Regolament, trade marks preċedenti tfisser b'mod partikolari t-trade marks irreġistrati fi Stat Membru li d-data tar-reġistrazzjoni tagħhom tiġi qabel dik tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja.

39 F'dan il-każ, kemm id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni kif ukoll il-Bord tal-Appell ikkonstataw l-identitiċità tat-trade marks inkwistjoni. Madankollu, huma kkunsidraw li l-prodotti u s-servizzi kkonċernati la kienu identiċi u lanqas jixxiebhu u li, b'konsegwenza, ir-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata mhijiex prekluża mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 40/94.

40 Insostenn tal-motiv uniku tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta din il-konklużjoni, billi ssostni li hija għamlet interpretazzjoni wisq restrittiva tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94. Ir-rikorrenti tosserva li, skont il-ġurisprudenza, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li, meta, bħal f'dan il-każ, it-trade marks kunfliġġenti huma identiċi, id-differenza bejn il-prodotti jew is-servizzi kkonċernati għandha tkun kbira ħafna sa biex tiġi eskluża kull probabbiltà ta' konfużjoni.

41 Skont il-ġurisprudenza, l-eżistenza, min-naħa tal-pubbliku, ta' probabbiltà ta' konfużjoni, skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, għandha tiġi evalwata globalment billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni. Din l-evalwazzjoni globali timplika ċerta interdipendenza bejn il-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni, b'mod li xebh limitat bejn il-prodotti jew is-servizzi koperti jista' jiġi kkumpensat minn livell għoli ta' xebh bejn it-trade marks u *vice versa* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' April 2008, Ferrero Deutschland vs UASI u Cornu, C-108/07 P, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punti 44 u 45, u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Ġie wkoll deċiż li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, probabbiltà ta' konfużjoni tippreżupponi jew identiċità jew xebh tat-trade marks kunfliġġenti kif ukoll identiċità jew xebh tal-prodotti jew tas-servizzi indikati minnhom. Dan jirrigwarda kundizzjonijiet kumulattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Ottubru 2004, Vedial vs UASI, C-106/03 P, Ġabra p. I-9573, punt 51, u tat-13 ta' Settembru 2007, Il Ponte Finanziaria vs UASI, C-234/06 P, Ġabra p. I-7333, punt 48).

43 Konsegwentement, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, jibqa' neċessarju, anki fil-każ fejn teżisti identiċità tat-trade marks kunfliġġenti, li tingħata l-prova tal-preżenza ta' xebh bejn il-prodotti jew is-servizzi indikati minnhom [ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2007, Alecansan vs UASI, C-196/06 P, mhux ippubblikat fil-Ġabra, punt 24; u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Lulju 2007, Mülhens vs UASI – Minoronzoni (TOSCA BLU), T-150/04, Ġabra p. II-2353, punt 27].

44 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u tan-nuqqas ta' kull kontestazzjoni rigward l-identiċità tat-trade marks kunfliġġenti, jeħtieġ, sabiex tingħata risposta għall-motiv uniku tar-rikorrenti, li tiġi vverifikata l-eżattezza tal-konklużjoni tal-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata li tgħid li l-prodotti u s-servizzi kkonċernati ma jixxiebhux u,

f'dan il-kuntest, li jiġi eżaminat l-argument tar-rikorrenti bbażat, essenzjalment, fuq il-fatt li dawn il-prodotti u s-servizzi jippreżentaw, mill-inqas, xebh limitat.

45 Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi evalwat ix-xebh bejn prodotti jew servizzi, hemm lok li jiġu kkunsidrati l-fatturi rilevanti kollha li jikkaratterizzaw ir-relazzjoni bejn dawn il-prodotti jew dawn is-servizzi. Dawn il-fatturi jinkludu, b'mod partikolari, in-natura tagħhom, l-għan tagħhom, l-użu tagħhom kif ukoll in-natura kompetittiva jew kumplementari tagħhom (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Mejju 2006, Sunrider vs UASI, C-416/04 P, Ġabra p. I-4237, punt 85, u d-digriet Alecansan vs UASI, punt 43 iktar 'il fuq, punt 28).

46 F'dan il-każ, il-Bord tal-Appell wettaq, fil-punti 18 sa 21 tad-deċiżjoni kkontestata, paragun bejn il-prodotti u s-servizzi kkonċernati. Huwa osserva li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark preċedenti jikkostitwixxu l-komponenti ta' sit Internet jew iservu sabiex joħolqu, f'dan is-sit, sistema ta' riżervazzjoni, ta' ordni u ta' ħlas ta' akkomodazzjoni f'lukanda kif ukoll jippermettu lil impriża sabiex tinstalla din il-faċilità fuq l-Internet. Skont il-Bord tal-Appell, dawn huma differenti mis-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark ikkontestata, li huma, essenzjalment, servizzi ta' informazzjoni, ta' riżervazzjoni u ta' ordni ta' vjaġġi u ta' akkomodazzjoni f'lukanda, li l-għan tagħhom huwa li jippermettu lill-pubbliku inġenerali jirriżerva, għal finijiet professjonali, ta' mistrieħ jew oħrajn, akkomodazzjoni f'lukanda jew vjaġġ.

47 Il-Bord tal-Appell eżamina wkoll iċ-ċirkustanza li l-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti jaqgħu taħt settur speċjalizzat, jiġifieri dak tal-prodotti u servizzi li jikkonċernaw it-tfassil u t-tħaddim ta' sistemi tal-informatika, u li jikkonċernaw pubbliku limitat, peress li huma biss intiżi sabiex jippermettu lil impriża fis-settur tal-lukandi jew tal-vjaġġi li tinstalla sistema ta' riżervazzjoni online, aċċessibbli permezz tal-internet. Il-pubbliku limitat kompost minn dawn l-impriżi jiddistingwi ruħu kompletament mill-pubbliku inġenerali, li għalih huma intiżi s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark ikkontestata.

48 Peress li l-prodotti u s-servizzi kkonċernati jinbiegħu lil pubbliku differenti, il-Bord tal-Appell ikkonkluda li dawn lanqas ma kienu jinsabu f'relazzjoni ta' kompetizzjoni.

49 Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell eżamina n-natura eventwalment kumplementari tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati. Skont dan, din in-natura kellha tiġi eskluża f'dan il-każ ġaladarba l-pubbliku inġenerali, li għalih huma intiżi s-servizzi koperti mit-trade mark ikkontestata, ma jiksibx il-prodotti u s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark preċedenti, li huma esklużivament intiżi għal impriżi li, sussegwentement, jipprovdu servizzi lil dan il-pubbliku ġenerali.

50 Fl-aħħar nett, il-Bord tal-Appell osserva, f'dan l-istess kuntest, li l-utenti tal-internet li jixtru servizzi ta' vjaġġar online probabbilment ma kinux jafu min ipprovda l-programm li jippermetti lil punt ta' bejgħ online li jiffunzjona u, f'kull każ, huma kapaċi jiddistingwu bejn impriża li tipprovdi teknoloġija kumplessa u oħra li tbigħ servizzi ta' vjaġġar fuq l-Internet.

51 Dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jiġu approvati. Huma juru, suffiċjentement skont id-dritt, li l-prodotti u s-servizzi kkonċernati, li fin-natura, l-għan u l-użu tagħhom huma differenti u ma jippreżentawx natura kompetittiva jew kumplementari. Fil-fatt, qabel kollox hemm lok li jiġi kkonstatat li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni indikati mit-trade mark preċedenti huma ta' natura informatika filwaqt li s-servizzi ta' informazzjoni, ta' ordni u ta' riżervazzjoni indikati mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni huma ta' natura differenti u jużaw l-informatika biss bħala sostenn biex jittrażmettu informazzjoni jew biex ikunu jistgħu jsiru riżervazzjonijiet ta' akkomodazzjoni f'lukanda jew vjaġġi.

52 Għandu jiġi wkoll osservat li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark preċedenti huma speċjalment intiżi għall-impriżi tas-settur tal-lukandi u tal-ivvjaġġar u li s-servizzi ta' informazzjoni, ta' ordni u ta' riżervazzjoni indikati mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni huma intiżi għall-pubbliku inġenerali.

53 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi osservat li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark preċedenti jintużaw sabiex jippermettu li sistema informatika u, b'mod iktar partikolari, lil punt ta' bejgħ online, li jiffunzjonaw filwaqt li s-servizzi ta' informazzjoni, ta' ordni u ta' riżervazzjoni indikati mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni jintużaw għar-riżervazzjoni ta' akkomodazzjoni f'lukanda jew ta'vjaġġ.

54 L-unika ċirkustanza li s-servizzi ta' informazzjoni, ta' ordni u ta' riżervazzjoni indikati mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni huma esklużivament ipprovduti fuq l-Internet u jeħtieġu għaldaqstant sostenn informatiku bħal dak ipprovdut mill-prodotti u s-servizzi indikati mit-trade mark preċedenti mhijiex suffiċenti sabiex jiġu eskluži d-differenzi essenzjali li jeżistu bejn il-prodotti u s-servizzi kkonċernati rigward in-natura tagħhom, l-għan tagħhom u l-użu tagħhom.

55 Fil-fatt, il-prodotti u s-servizzi informatiċi jintużaw kważi fis-setturi kollha. Ta' spiss, l-istess prodotti jew servizzi, per eżempju ċertu tip ta' programm jew ta' sistema operattiva, jistgħu jintużaw għal finijiet differenti ħafna, mingħajr ma dan jimplika li huma jsiru prodotti jew servizzi differenti u distinti. *Vice versa*, is-servizzi ta' aġenzija tal-ivvjaġġar ma jbiddlux in-natura tagħhom, l-għan tagħhom jew l-użu tagħhom, minħabba l-fatt biss li jiġu pprovduti fuq l-Internet, u dan b'mod partikolari meta, fil-ġurnata ta' llum, l-użu ta' programmi informatiċi għall-provvista ta' dawn is-servizzi huwa kważi indispensabbli, ukoll meta dawn is-servizzi ma jiġux ipprovduti minn punt ta' bejgħ online.

56 Barra minn hekk, il-prodotti u s-servizzi kkonċernati mhumiex sostitwibbli, peress li huma indirizzati lil pubbliku differenti. Għaldaqstant il-Bord tal-Appell ġustament ikkonkluda li dawn il-prodotti u servizzi ma jippreżentawx natura kompetittiva.

57 Fl-aħħar nett, dawn l-istess prodotti u servizzi lanqas ma jippreżentaw natura kumplementari. Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li l-prodotti jew is-servizzi kumplementari huma dawk li bejniethom teżisti rabta stretta, fis-sens li wieħed huwa indispensabbli jew importanti għall-użu tal-ieħor, b'mod li l-konsumaturi jistgħu jaħsbu li r-responsabbiltà għall-manifattura ta' dawn il-prodotti jew għall-provvista ta' dawn is-servizzi hija tal-istess impriża [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-1 ta' Marzu 2005, Sergio Rossi vs UASI – Sissi Rossi (SISSI ROSSI), T-169/03, Ġabra p. II-685, punt 60; tal-15 ta' Marzu 2006, Eurodrive Services and Distribution vs UASI – Gómez Frías (euroMASTER), T-31/04, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 35, u tas-17 ta' Ġunju 2008, El Corte Inglés vs UASI – Abril Sánchez u Ricote Saugar (Boomerang TV), T-420/03, Ġabra p. II-837, punt 98].

58 Din id-definizzjoni meħuda mill-ġurisprudenza timplika li l-prodotti jew is-servizzi kumplementari jistgħu jintużaw flimkien, li jippresupponi li huma indirizzati lill-istess pubbliku. B'hekk rabta ta' natura kumplementari ma tistax teżisti bejn, minn naħa, il-prodotti jew is-servizzi li huma neċessarji għall-funzjonament ta' impriża kummerċjali u, min-naħa l-oħra, il-prodotti u s-servizzi li din l-impriża timmanifattura jew tipprovdi. Dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti jew ta' servizzi ma jintużawx flimkien, peress li dawk tal-ewwel kategorija jintużaw mill-impriża kkonċernata nnifisha, filwaqt li dawk tat-tieni kategorija jintużaw mill-klijenti ta' din l-impriża.

59 Filwaqt li tammetti li d-destinatarji finali tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati huma differenti, ir-rikorrenti ssostni li probabbiltà ta' konfużjoni ma tistax tiġi eskluża f'dan il-każ peress li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark preċedenti

għandhom bħala għan waħdieni li jippermettu l-provvista ta' servizzi ta' informazzjoni, ta' ordni u ta' riżervazzjoni indikati mit-trade mark li għaliha tkun saret l-applikazzjoni. Bħala regola ġenerali, il-pubbliku kkonċernat minn dawn l-aħħar servizzi la jkunx jaf min ikun fassal il-programm neċessarju u lanqas ma jagħmel distinzjoni bejn l-informazzjoni li tidher fuq is-sit tal-Internet tal-intervenjenti, dik li tkun ġejja mill-intervenjenti stess u dik li toriġina mill-programm jew mis-servizzi pprovduti minn impriża speċjalizzata fl-informatika, bħal fil-każ tar-rikorrenti. B'mod definittiv, fis-sit Internet tal-intervenjenti, is-servizzi koperti mit-trade mark kkontestata jiġu konfużi mal-prodotti u s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark preċedenti.

60 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Għandu jiġi osservat f'dan ir-rigward li l-oriġini kummerċjali tal-programm u tas-servizzi informatiċi li jippermettu l-funzjonament tas-sit Internet tal-intervenjenti ġeneralment mhija lanqas tal-iċken interess għall-pubbliku ikkonċernat mis-servizzi koperti mit-trade mark inkwistjoni li jiġu pprovduti permezz ta' dan is-sit Internet. Għal dan il-pubbliku, is-sit Internet tal-intervenjenti huwa sempliċi għodda ta' riżervazzjoni online ta' vjaġġi u ta' akkomodazzjoni f'lukanda. Li huwa importanti huwa li dan jiffunzjona sew u mhux min ikun ipprovda l-programm u s-servizzi informatiċi li jippermettu li dan jiffunzjona.

61 Jekk, madankollu, ċertu klijenti tal-intervenjenti jistaqsu dwar l-oriġini kummerċjali tas-softwer u tas-servizzi ta' żvilupp u ta' tfassil ta' dan is-softwer li huma neċessarji għall-funzjonament tas-sit Internet tagħha, huma jistgħu, kif osserva ġustament il-Bord tal-Appell, jiddistingwu bejn l-impriża speċjalizzata li tipprovdi dawn il-prodotti u servizzi u l-intervenjenti li tipprovdi servizzi relatati mas-settur tat-turiżmu u tal-ivvjaġġar fuq l-Internet. Fil-fatt, peress li s-servizzi koperti mit-trade mark inkwistjoni huma, bħala definizzjoni, ipprovduti esklużivament fuq l-Internet, għandu jiġi preżunt li l-klijenti tal-intervenjenti għandhom mill-inqas xi għarfien informatiku bażiku. B'hekk huma jkunu jafu li t-twaqqif ta' sistema ta' riżervazzjoni online ma tistax issir minn kwalunkwe persuna li tuża' kompjuter u li dan jirrikjedi softwer u servizzi ta' żvilupp u ta' tfassil ta' dan is-softwer li huwa pprovdut minn impriża speċjalizzata.

62 L-affermazzjoni tar-rikorrenti, li tgħid li l-klijenti tal-intervenjenti ma jistgħux jagħmlu distinzjoni bejn l-informazzjoni li tkun ġejja mill-intervenjenti stess u dik li toriġina mill-programm u mis-servizzi informatiċi bħal dawk koperti mit-trade mark preċedenti, lanqas mhija eżatta. L-informazzjoni li tista' tinteressa l-klijenti tal-intervenjenti hija dik relatata mal-ippjanar ta' vjaġġ, mad-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni f'lukanda, kif ukoll mal-prezzijiet tagħhom. Il-provvista ta' din l-informazzjoni tikkostitwixxi, preċiżament, is-servizzi koperti mit-trade mark inkwistjoni. Il-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti jservu biss sa biex jgħaddu din l-informazzjoni u ma jittrażmettux huma stess informazzjoni differenti oħra lill-persuni kkonċernati.

63 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tikkontesta r-referenza magħmula fid-deċiżjoni kkontestata għal sentenza tat-12 ta' Mejju 2006 tal-Oberlandesgericht Dresden (qorti reġjonali għolja ta' Dresden), li ġiet invokata quddiem il-Bord tal-Appell mill-intervenjenti. F'din is-sentenza, l-Oberlandesgericht Dresden, li kienet qed tiddeċiedi fuq rikors dwar ksur tal-liġi fuq it-trade marks bejn ir-rikorrenti u l-intervenjenti, ikkonkludiet li s-softwer u s-servizzi ta' żvilupp u ta' tfassil ta' softwer u s-servizzi li jużaw dawn is-softwer ma jixxiebhux, peress li l-pubbliku jaf li s-servizzi ta' diversi setturi jiġu pprovduti permezz ta' sostenn elettroniku. Fil-punt 22 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell jaqbel kompletament mar-raġunament u mal-konklużjonijiet tas-sentenza inkwistjoni.

64 Madankollu, ir-rikorrenti ssostni li din ir-referenza tikkonferma n-natura żbaljata tal-konklużjoni tal-Bord tal-Appell, li tgħid li l-prodotti u s-servizzi kkonċernati ma jixxiebhux. Skont ir-rikorrenti, is-sentenza tal-Bundesgerichtshof (Qorti tal-Ġustizzja Federali tal-Ġermanja) tat-13 ta' Novembru 2003 (I ZR 103/01, GRUR 2004, p. 241), iċċittata mis-sentenza tal-Oberlandesgericht Dresden fil-motivi tas-sentenza tagħha ċċitata iktar 'il fuq, tikkonċerna kawża li fiha l-mod ta' kif jiġu trażmessi ċerta informazzjoni u ċertu ordnijiet, jiġifieri t-trażmissjoni tagħhom permezz ta' sistema informatika jew permezz ta' mezzi oħra, bħall-posta komuni, ġie meqjus irrilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża. Din il-kawża hija differenti, peress li s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark inkwistjoni huma pprovduti esklużivament fuq l-Internet.

65 Madankollu, għandu jingħad ukoll li, kif ġie indikat iktar 'il fuq, is-sempliċi ċirkustanza li s-servizzi inkiwistjoni tal-intervenjenti, koperti mit-trade mark ikkontestata, jiġu pprovduti biss fuq l-internet, mhijiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li hemm xebh bejn dawn is-servizzi u l-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti. Għaldaqstant bil-kontra ta' dak li ssostni r-rikorrenti, ir-referenza tad-deċiżjoni kkontestata għas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tal-Oberlandesgericht Dresden ma turi bl-ebda mod in-natura żbaljata tal-konklużjoni dwar in-nuqqas ta' xebh bejn il-prodotti u s-servizzi koperti miż-żewġ trade marks kunfliġġenti, u dan mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi eżaminat jekk din l-aħħar sentenza applikatx korrettement il-ġurisprudenza tal-Bundesgerichtshof, peress li din il-kwistjoni tmur lilhinn mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza u peress li, f'kull każ, hija mingħajr rilevanza fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

66 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-motiv uniku tar-rikorrenti għandu jinċaħad bħala infondat.

67 Peress li l-uniku motiv invokat mir-rikorrenti insostenn tar-rikors tagħha inċaħad, dan ir-rikors għandu, f'kull każ, jiġi ddikjarat infondat, mingħajr ma jkun hemm bżonn li tingħata deċiżjoni fuq it-talba ta' inammissibbiltà mqajjma mill-UASI u mill-intervenjenti fir-risposti tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer, C-23/00 P, Ġabra p. I-1873, punt 52, u tat-23 ta' Marzu 2004, Franza vs Il-Kummissjoni, C-233/02, Ġabra p. I-2759, punt 26).

Fuq l-ispejjeż

68 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-UASI u mill-intervenjenti, skont it-talbiet tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) It-talba għal għajnuna legali hija miċħuda.

2) Ir-rikors huwa miċħud.

3) Commercy AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Vilaras Prek Ciucă

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-22 ta' Jannar 2009.

Firem